# IT-TORRI TA' L-ARLOĠĠ TAL-BIRGU

Hawn ħafna bliet, li malli tilmagħhom minn fuq il-vapur ta' l-art jew minn fuq il-baħar, jew ukoll jekk tarahom impinġija, ma hemmx għalfejn issaqsi liema huma, għax jingħarfu ma' l-ewwel daqqa ta' għajn. Ingħidu aħna tilmaħ qatta djar u f'nofshom koppla kbira, malajr tintebaħ li dik hi Ruma; tara serbut bini u f'nofshom qisu torri tal-ħadid li donnu jmiss is-sħab, tgħid din hi Pariġi; tilmaħ ħafna bini għoli, u ftit il-quddiem tiela' minn wiċċ il-baħar, statwa kbira sservi ta' Fanal, tgħid din hi New York... Il-koppla ta' San Pietru; it-Torri Eiffel, l-istatwa tal-Libertà, jissejħu bil-kelma Ingliża *Land-mark*, illi maqluba fi lsien malti tfisser: *Wiri-l-belt*. Issa jekk xi ħadd ifettillu mill-Barrakka ta' fuq iħares għannaħa l-oħra, u jrid jaf fost it-trijanglu ta' bliet, liema hu l-Birgu, ma għandux jagħmel ħaġ'oħra ħlief jara fejn hemm Torri għoli li jisboq il-bini l-ieħor u jgħid: dak hu l-wiri: hu il-*Land-mark* tal-Birgu. Dan it-Torri,sew għall-qedem tiegħu kemm għas-sehem li kellu fl-istorja tagħna, hu ta' min itiħ il-leminija, wara l-istorja tal-knisja ta' San Lawrenz, li semmejna flaħħar żewġ ħarġiet.



X'kien qatt dan it-Torri?

Fiż-żmenijiet meta l-Ajruplani, iż-Żeppelini ul-Idroplani ma kenux għadhom ħolmu bihom kien meħtieġ xi post li minn fuq il-għoli tiegħu tkun milħuqa, u mikxufa kollha kemm hija l-Gżira, u li dal-lok jinħtieġ bħala għarixa jew *Osservatorju* li minn fuqu, fil-jum tat-taqbid mat-Torok jew ma' għdewwa oħra, ikun jista' il-Gran Mastru, jew il-Ġene-

ral ta' l-Armata, jikxef il-qagħda ta' l-egħdewwa, u jmexxi lill-Kavalieri mxerrdin fuq it-Torrijiet l-oħra tal-Gżira.

Jidher biċ-ċar illi l-Gran Mastru Ġwann D'Omedes kien marbut sħiħ mal-Birgu; u billi qatt ma għaddiet minn rasu illi din il-belt għad titwarrab band'oħra, bħal ma għamel il-Gran Mastru ta' wrajh, La Valette, żejjen, sebbaħ, wettaq kemm sata' lil din il-belt. Waqqaf f'Sant'Anġlu s-sur, li għadu jġib ismu, dawwar u żied is-swar u l-foss mal-belt, bena Bereġ u djar li għadhom jidhru sal-lum, għamel l-Università, bħal dik ta' l-Imdina, bena l-Fran tas-Sinjurija, u waqqaf ukoll it-Torri li semmejna. L-istîl ta' dawn il-Bereġ, djar u tat-Torri huma biż-żejjed, biex jiżguraw lil l-Arkeologu l-iżjed fitt, li huma ta' żmien d'Omedes (1536-1553) il-għaliex dawn huma mżejna bi plieri, b'kapitelli sura ta' kaxxa, u l-warda jew *rużun* fuq il-bieb u t-twieqi kif kien irid l-istil Sikulu-normann; kif ukoll jixhdu bosta kantunieri ta' din il-belt li s'issa għad wieħed jiltaqa' magħhom.

F'nofs il-Pjazza, D'Omedes bena t-Torri, li fuqu qegħdin nitħaddtu, għoli xi 120 pied. Il-għamla tiegħu hi b'erbât uċuh li jħarsu lejn l-erbât irjieħ. Fih ħames indani.

Il-lum bix-xjuħija jidher aktarx lixx, u minngħajr tiżjin, iżda jekk wieħed igħarrex tajjeb jinduna li fl-aħħar indana in-naħa ta' barra, hi mwettqa b'erba' plieri mirtuta jew is-singjati, minn tulhom; kemm ukoll fl-indana ta' taħt b'erba' plieri oħra u fihom gwarniċi mad-dawra kollha. Fir-raba' ndana ddur ma' l-erba' faċċati, hemm gallarija tal-għuda wieqfa fuq mensli mnaqqxa, sbieħ u ħelwin. Dil-gallarija kellha erbât ibwieb, il-lum tlieta minnhom imbarrati.

Jiena naħseb li dan it-Torri kien ogħla milli hu l-lum. Il-għala? Għandna naħsbu, bla ebda biża' li jmeruna, illi meta l-Arkitett bena dan it-Torri, bnieh sħiħ, kif titlob is-sengħa; jiġifieri, jekk fih il-plieri, skond l-istîl klassiku, kien fih ukoll il-kapitelli l-arkitrav jew ħnejjiet, il-frîż, il-gwarniċun, l-opramorta xi għaxar jew tnax-il pied iżjed.

Jekk tħarsu lejn il-faċċata li tħares lejn il-Lvant, intom tilmħu żewġ ħarrieġa jew mensli ta' għamla tonda, imnaqqxin ħelu, li fuqhom kienu jistrieħu żewġ arbli. Dawn il-ħarrieġa jinsabu hekk fil-għoli, li għalkemm ma jmissux il-gwarniċun, magħmul xi erbgħin sena ilu, li bih tħassret il-ħlewwa tal-quċċata ta' dat-Torri, u dan biex waħħlu ċumnija tad-drenaġġ!!! Mela jekk fiż-żmien l-Assedju (1565) chien hemm żewġ arbli, u dawn kienu jistrieħu fuq dawk iż-żewġ mensli, kien jeħtieġ li jkun hemm, għal l-inqas, żewġ ħoloq tal-ġebel, bħal ma kienu jagħmlu dak iż-żmien, inkella kif jinżammu

wieqfa? Mela dan it-Torri kien bosta għoli milli hu l-lum.

Kif għidna, dan it-Torri kien imwaqqaf mill-Gran Mastru Ġwann D'Omedes, fl-1549, bħal ma jidher fuq il-frontispizju tal-bieb li hemm fuq il-gallarija li jħares lejn il-Pjazza. Dal-bieb huwa mżejjen ma' dwaru bi gwarniċa mdawra, ħierġa minn sguxxatura, u fuq il-ħnejja għandu qisu frontispizju, jispiċċa bħal maqrut, li fuqu fih salib u ġo nofsu hemm warda jew rużun, li jaqsam fi tnejn is-sena ta' twaqqiftu: 15 ※ 49, kif kienet id-drawwa ta' dak iż-żmien.

Il-ħsieb li għalih dan it-Torri ġie mibni kien li jagħmilha ta' *Turretta*, biex jistgħu jaraw ix-xwieni li jitfaċċaw fl-orizzont, u biex minn fuqu, bil-leħen tal-qampiena, jew bit-tixjir tal-bandieri, il-Kavalieri, imxerrdin mal-plajja ta' Malta, u ġo l-Imdina, u jifhmu dak li jkun irid il-Gran Mastru.

Min jaf il-Gran Mastru La Valette, fl-imblokk il-Kbir ta' l-1565, kemm tela' hemm fuq biex ixerred l-ordnijiet tiegħu? min jaf kemm għarrex biex jara meta beħsibha titfaċċa l-għajnuna mwiegħda lilu mill-Viċi Rê ta' Sqallija? min jaf kemm ġiegħel li jdoqqu l-qampiena (li kien hemm) biex iwiddeb lill-poplu kollu ta' Malta, magħluq ġewwa s-swar tal-Birgu, biex jinġabar fil-Pjazza jew fil-Knisja ta' San Lawrenz biex jiżżu ħajr 'l Alla jew biex jitrekknu f'darhom jew fit-trunċieri, għaliex il-għadu żied il-qilla tiegħu!

Fis-sena 1629, fi żmien il-Gran Mastru Anton de Pawla, wara illi dan it-Torri ma baqagħlux iżjed għalfejn iservi ta' Turretta qiegħdu fih wieħed minn l-ewlenin Arloġġi, mhux biss ta' Malta iżda ta' l-Ewropa, li għadu fih sal-lum; u għalhekk dat-Torri, il-lum isejħulu: l-*Arloġġ tal-Birgu*.

L-iskrizzjoni bil-latin, imwaħħla fuq il-bieb tax-xellug u s-sena li ġġib li hi 1629, ġagħlet lil bosta jiżolqu finniexef għax ħasbu li dik is-sena hi ta' meta nbena' t-Torri. Iżda mhux hekk. Din l-iskrizzjoni hi mqiegħda fuq ir-rħama li wieħed jaħsibha nieqsa; iżda li mhix; għax il-biċċa li tidher nieqsa, mhix ħlief il-lok fejn kien hemm erba' armi maħruġa 'l barra, li kissruhom il-Franċiżi L-iskrizzjoni tgħid dan:

SUB . FŒLICE . MODERAMINE
INCLITI . PRINCIPIS . FR . ANTONII . A . PAULA
FR . ALEXANDER . DE . VERAX . VEN . LINGUÆ . ALVERNIÆ
MILES . VICTRICI . PRÆPOSITUS . CIVITATI
BELLIQUE . ET . CIVILI . INDUSTRIA . CLARUS
HOC . NOBILE . CONSTRUI . PROPOSUIT . OPUS
ASSISTENTIBUS . TAMEN . CIVIBUS . TESAURARIIS
JO . ANGELO . MALLIA . JOANNE . TESTAFERRATA . MENA . CRISTOFORO
ET . LEONARDO . BURLÒ — ANO . DNI . 1629

Li maqluba bil-malti tfisser: "*Fi żmien it-treġija ħienja tal-Kbir Prinċep Fr. Anton De Pawla, Fr. Lixand De Verax tal-Lsien ta' Alvernja, gvernatur militari tal-Belt, magħruf għall-ħila tiegħu tant fil-gwerra kemm ukoll fit-tmexxija tal-gvern,* ġiegħel tinbena din il-kbira Opra, *u għenuh fiha, it-Teżorieri tal-Belt: Ġan-Anġlu Mallia, Ġwann Testaferrata, Mena Cristoforo u Nardu Burlò fis-sena 1629.*"

Illi dil-kitba ma għandhiex x'taqsam mat-Torri, tidher biċ-ċar, iżda għandha x'taqsam ma' ħaġa jew opra oħra li saret warajh, jew żdiedet fih. U din l-opra ta' wara kienet l-arloġġ.

Il-kliem NOBILE . CONSTRUI . PROPOSUIT . OPUS, ma hiex qiegħda għat-Torri iżda għal l-Arloġġ, il-għaliex, jekk dan kien l-ewwel arloġġ li nġieb ġo Malta, u kien wieħed minn l-ewlenin ta' l-Ewropa, il-miġja u t-tqegħid tiegħu kienet tassew, għal dak iż-żmien, opra kbira. L-Arloġġi bil-pendlu u bl-iskappament kienu ilhom li nventawhom xi 24 sena.

Biex inkomplu nirfdu tajjeb l-argument, li t-Torri ma' ġiex mibni fl-1629 għal l-arloġġ, iżda kien mibni fl'1549 biex iservi ta' Turretta, barra mis-sena msemmija nġibu argumenti meħudin mill-għamla li hu mibni minn ġewwa u sinjali li għadhom jixhduh sal-lum

Biex tidħol fit-torri, ma tgħaddix iżjed mill-bieb il-maġġur, iżda minn bieb ieħor iżjed ċkejken, u tibqa' tiela garigor dejjaq illi jwasslek sal-bejt. Dal-garigor biex titilgħu tgħejja għax dejjaq ferm b'taraġ għoli, u biex tinżlu jatik il-mejt, u ma tridx tkun perit, biex tagħraf bilġri li mibni ħafna żmien wara li nbena t-Torri. Titla' u tiltaqa' ma' ħames pjani, li fihom kollha minn twieqi u minn bibien; u l-pjani...? ma humiex hemm! Titla' u toħroġ fil-gallerija, hemmek kien hemm l-indana ta' fuq, iżda l-lum baħħ. Issa ħares ma' dwar il- gallerija. Hemm tlitt ibwieb oħra magħluqin bl-injam. Dawn bil-fors kellhom jatu għal l-indana ta' fuq li minnhom kont tista' toħroġ jew tidħol. Ħares mill-bieb il-miftuħ lejn il-beraħ l-isfel u tara erba' ndani oħra li kienu u ma humiex iżjed. Kienu, għax tara l-ħarrieġa, jew il-mensuli għadhom fil-post, li fuqhom kienu poġġuti t-travi ta' kull indana. Mela, dawk l-indani ġew imġarrfin biex iħallu l-wisa' għall-mazzri ta' l-Arloġġ il-ġdid.

Iżjed. Barra mis-sena 1549 li tinsab fuq il-bieb ewlieni u barra dak li ġa għedna, hemm żewġ bokkini li fuqhom kienu jqiegħdu l-arbli biex jagħmlu s-sinjali. L-Arloġġ ma jaħdimx bil-bandieri!!!

Argument ieħor, hi waħda mill-qniepen, li jinsabu fuq il-bejt, li kienet isservi biex twiddeb x'għandu jsir, u ddoqq waqt il-ferħ u l-għali, bħala għelm ta' kull ma kienet tħoss il-qalb tal-poplu. Din il-qanpiena kienet imdewba f'Messina, u fuq iċ-ċirku ta' ħdejn il-widnej, iġġib bil-latin *maccaronico:*

EVANTUNELLU-CARBUNI
ME . FECI . NOBILI . CIVITATI . MESSANE
MCCCCCIIII (1504).

Fil-Bibljoteka, il-Belt, ġo gwarniċ tinsab stampa tal-Birgu f'jum l-Imblokk (1565). Bejn S. Anġlu u bejn il-Knisja ta' San Lawrenz, hemm dan it-Torri isaltan fuq il-Birgu.

L-aħħar argument neħduh mill-pitturi li jinsabu fis-sala tal-Palazz tal-Gran Mastri, il-lum igħidulha is-Sala ta' San Mikiel u San Ġorġ. Mal-ħajt hemm pinġuti l-ġrajjiet ta' l-Assedju, li bħal ma tafu, il-Birgu dejjem kien il-quddiem. Għarrxu ftit, u dejjem issibu t-Torri bil-bandiera tperper.

It-twieqi kollha, u l-mogħdijiet li fih dan it-Torri minn fuq s'isfel huma ta' stil wieħed. Għal kemm is-snien taż-żmien u l-lexxuna tan-naġġar li sewwieħ, u l-ixkupa tal-bajjada li ċellquh, min jaf kemm-il mitt darba, neħħew, barxu, kissru l-gwarniċi u l-ħnejjiet, iżda fadal fih biżżejjed biex minn l-istil tagħraf li hu ta' żmien D'Omedes, billi l-orlu tal-bwieb hu tond fuq sguxxatura, aktarx b'kapitell magħmul kaxxa, u bil-maqrut, b'warda ġo nofsu,

Jekk inkomplu ngħarrxu mat-tul u l-wisa' tat-Torri insibu kitba mnaqqxa fuq waħda mill-bibien imbarrati tal-gallarija iżda l-melħ u ż-żmien kielha u ħaffer xi ittri. Tgħid fiha l-isem tal-Gran Mastru D'Omedes li bnieh? TI—∴ PER ∴ DOMEI ∵ S: Fuq it-tieqa tat-tieni ndana m'nisfel, hemm kitba oħra, iżda bħal ma għedna mikula wkoll miż-żmien, tgħid hekk: PAX HUIC DOI ∵∵ LVCE∵ Jien naħseb li din il-kitba, ġiet imnaqqxa wara li l-Ordni ġarr għal l-Belt il-ġdida Valletta, u ftit u xejn taw widen għat-tgemgim tan-nies tal-Birgu, li kienu jaraw minn jum għal ieħor dan it-Torri mħolli, u mogħti f'idejn il-barranin, Għidt f'idejn il-barranin il-għaliex ma nistâx nifhem kif monument bħal dan, mibni minn l-Ordni, u li għalhekk kellu jaqa' bil-fors taħt idejn il-Gvern ċivili jew militari, il-lum il-pjan ta' isfel, jew id-daħla tiegħu ewlenija, flimkien ma l-ewwel indana, tinsab f'idejn familija min Ħal Għaxaq!

Mela intemm dal-għajdud billi ntenni illi: L-Arloġġ sar għat-Torri u mhux it-Torri għal l-Arloġġ!

**Kan: G. M. Farrugia.**